MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 294/2009

Kawza fil-lista: 30

**A B personalment,**
**u bhala kuratur 'ad litem' tal-minuri C u D, ahwa B**
**vs**
**E B F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Settembru 1999; u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal fil-5 ta' Marzu 2000 u fit-3 ta' Lulju 2003; illi l-konvenuta ma kienetx tiehu hsieb it-tfal u l-attur gie mgharraf li martu tbaghti mill-marda "*polar disorder*" li qed jikkontendi li l-konvenuta hbiet qabel iz-zwieg; illi l-attur jiehu hsieb il-minuri wahdu stante li l-konvenuta ilha snin li abbandunat id-dar matrimonjali u ma tikkontribwixxi xejn ghal

manteniment tal-minuri; illi l-partijiet ilhom separati de facto mill-20 ta’ Dicembru 2007; is-separazzjoni bonarja ma’ sehhitx minhabba li l-konvenuta insistit li ma tikkontribwixxiex ghall-manteniment tal-minuri; l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li l-konvenuta tghid ghaliex din Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

2. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri C u D lill-attur salv access favur l-konvenuta skond l-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri imsemmija u tordna lill-konvenuta thallas dik ir-retta hekk stabbilita, flimkien ma ziediet perjodici ghall-gholi tal-hajja u tordni li din ir-retta tithallas direttament minn kull paga jew dhul percepibbli mill-konvenuta u fin-nuqqas tiffissa somma wahda u cioe lump sum payment bhala sehemha mill-manteniment tal-minuri, liema somma tigi mnaqsa minn sehem il-konvenuta tad-dar matrimonjali;

4. Tawtorizza lill-attur sabiex jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta u fin-nuqqas wara li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, tordna li sehem il-konvenuta tal-istess fond jig assenjat lill-attur b’dan li sehm il-konvenuta tal-istess fond jaghmel tajjeb ghal sehem l-konvenuta tal-manteniment tal-istess minuri;

5. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti, mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b’opera ta’ perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tapplika kontra l-attur [recte: konvenuta] l-effetti tad-disiposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 Ed.) in toto jew in parte;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut fit-termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; inoltre qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta ma ntavolat l-ebda risposta.

**Separazzjoni Personali**
li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Settembru 1999 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal C twieled fil-5 ta' Marzu 2000 u D twieled fit-3 ta' Lulju 2003 u ghalhekk iz-zewg ulied tal-partijiet ghadhom it-tnejn minuri.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jghid li l-partijiet izzewgu ta' malajr peress li l-konvenuta kienet inqabdet tqila bl-ewwel wild taghhom u fil-fatt izzewgu biss civilment. Jghid li xi ftit xhur wara li zzewgu, martu l-konvenuta kienet qaltlu li hija kellha relazzjoni sesswali ma kollega taghha fuq ix-xoghol izda l-attur xorta xtaq li jippruvaw jirrangaw.

Jghid li kien hemm xi drabi li l-konvenuta riedet tieqaf mir-relazzjoni mieghu permezz ta' *break* jew separazzjoni izda b'xi mod l-affarjiet dejjem ikwietaw. Ftit xhur wara z-zwieg,

kien hemm okkazzjoni meta l-konvenuta kienet qalet lil missierha li hi ma kientix thobb lill-attur u li qatt ma kienet habbitu. Sena wara u cjoe fl-2002, il-konvenuta telqet mid-dar izda wara regghet irritornat. Izda fl-20 ta’ Dicembru 2007 il-konvenuta telqet mid-dar u halliet lill-ulieda minuri waraja.

Fir-rigward tat-tfal minuri, l-attur jghid li l-konvenuta kienet titraskurahom u riedet tibda thallihom il-gimgha kollha ghand in-nanniet. Jispjega li t-tfal tant kemm kienu qed jigu traskurati mill-konvenuta li sahhansitra kien hemm l-intervent ta’ l-Agenzija Appogg li kienu jheddu li ser jiehdu lit-tfal. Dwar dan il-konvenuta kienet tghid lill-attur: “*b’daqshekk ma gara xejn, ghax taghna mhux ser ikunu l-ewwel tfal li hadu l-Appogg*”[1]. L-attur issostni li minn meta l-konvenuta telqet mid-dar u cjoe mill-20 ta’Dicembru 2007 huwa dejjem ha hsieb lill-minuri u l-konvenuta ma kienet riedet taf bit-tfal. Hi qatt ma kkontribwiet xejn ghalihom.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tghid li l-attur kien vjolenti fil-konfront taghha sa tali punt li hija marret f’*shelter* aktar minn darba. Hija tghid “*maturl it-tqala zewgi kien mhux biss jaghtini b’idejh u anke b’saqajh; darba bid-dressing gown b’kollox mort l-*ghassa”[2]. Issemmi meta l-istess konvenuta marret Dar Merhba Bik izda regghet irritornat lura d-dar wara xi zmien li kienu hadulha lill-binha peress li hija ma setghet toqoghod minghajru. Il-konvenuta ssostni wkoll li l-attur kien hadha bi kbira meta regghet inqabdet tqila bit-tieni wild u reggha beda jkun aggressiv fil-konfront taghha. L-ahhar incident li ssemmi l-konvenuta fejn hija telqet mid-dar wara li l-attur reggha refa’ idejh fuqha, hija ghamlet rapport l-ghassa tal-pulizija u marret go *shelter*. Illum il-konvenuta tghid li tghix ma’ missiera.

Illi l-konvenuta tghid ukoll li giet djanjostikata bil-kundizzjoni ta’ *bi-polar* wara li hija kienet waqghet f’dippressjoni u giet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli,

---

[1] Fol. 26 tal-process.

[2] Fol. 614 tal-process.

izda tghid li ma kienetx taf b'din il-kundizzjoni qabel ghalkemm fil-passat qabel ma ltaqet mal-attur hija kienet ghaddiet minn dipressjoni fejn kienet anke tiehu xi pilloli li kien ordnala t-tabib.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-partijet kull wiehed jghatu verzjoni differenti tal-fatti li ma gewx korraborati bl-ebda xhieda ohra hlief ghall-rapport wiehed tal-Pulizija fir-rigward ta' incident li sehh fid-19 ta' Dicembru 2007[3].

Mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li dan kien zwieg li ma kellux isir. Dan johrog mill-fatt li mill-bidunett taz-zwieg il-partijiet bdew jhabbtu wicchom ma' problemi u nkwiet fir-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom, li aggravaw minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja xejn felici taghhom, partikolarment meta xtraw id-dar matrimonjali bid-dejn. Inoltre l-oneru tat-trobbija tat-tlett-it tfal irrizulta li, kien ta' piz kbir, finanzjarju u psikologiku, ghall-partijiet li spiccaw sabiex jinfexxu f' xulxin.

Minn naha taghha l-konvenuta traskurat ghal kollox it-trobbija tat-tfal, li allura waqghet fuq l-attur li minn naha tieghu kien jirragixxi b' mod aggressiv fil-konfront tal-konvenuta, u kien hemm okkazzzjoni meta anke refa' idejh fuqha. Rizultat ta' dan il-konvenuta kienet waqghet f' dipressjoni, u s-sitwazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet iddeterjorat b' mod li evetnwalment il-konventua abbandunat id-dar matrimonjali, u ghabbiet lill-attur bil-piz kollu tat-trobbija tat-tlett-it tfal.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-komportament tal-konvenuta li kienet titraskura lit-tfal, u anke n-nuqqas da parti taghha li tippartecipa fil-hajja matrimonjali, kien wassal sabiex l-attur ikun aggressiv maghha, b' mod li l-konvivenza matrimonjali pacifika kienet saret difficli jekk mhux impossibbli, u kienet ta' detriment ghat-tfal. Dan il-komportament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin,

[3] Fols. 630 et seq.

ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut jikkostitwixxi 'servizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 fuq citat, u fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandu jattira fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu, u dan mis-19 ta' Dicembru 2007

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, tort taz-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**

Illi jidher li l-uniku digriet li nghata fir-rigward tal-minuri kien dak datat 28 ta' Novembru 2008 waqt l-istadju ta' medjazzjoni fejn l-attur intavola rikors fejn huwa talab li l-Qorti tordna is-segwenti:

(a) Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri C u D, ahwa B lir-rikorrenti;
(b) Li l-mara jkollha access ghal-uliedha mill-gurnata tal-gimgha fis-7pm sas-7.30pm tal-ghada s-Sibt u l-gimgha ta' wara fl-istess hinijiet izda mill-gurnata tas-Sibt ghal Hadd[4].

Illi l-konvenuta fir-risposta taghha kienet qablet mat-talbiet attrici u qalet li hija tbaghati minn *bi-polar disorder*[5].

L-attur jghid li l-konvenuta mhux dejjem tmur ghall-access, mentri l-konvenuta tghid li l-access gieli ma sehhx minhabba l-fatt li jew hi jew il-minuri jkunu morda.

Illi fir-rigward tal-kura u kustodja dina qatt ma jidher li giet ikkontestata mill-konvenuta u l-minuri ilhom issa diversi snin jghixu mal-missier. Fil-fatt fir-rapport tal-Pulizija li ghamlet il-konvenuta jghid li "*she stated that he is only violent with her but the children are in a good environment with him and they are not running any danger*"[6]. Ghalhekk dina l-Qorti tikkonferma d-digriet tat-28 ta'

[4] Fol. 39 tal-process.
[5] Fol. 42 tal-process.
[6] Fol. 631 tal-process.

Novembru 2008 u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attur.

Illi fir-rigward ta' l-access il-Qorti thoss li dan diga` huwa wiehed limitat fis-sens li l-konvenuta ghandha biss access ghall-minuri darba fil-gimgha ghalkemm ma jidhirx li l-istess konvenuta tixtieq li jizdied, il-Qort ma thoss li dan ghandu jonqos u ghalhekk f'dan ir-rigward tikkonferma d-digriet tat-28 ta' Novembru 2008 ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-access tal-konvenuta ghall-minuri.

**Manteniment**

*Manteniment tal-Konjugi*
Illi hekk kif gie spjegat aktar`il fuq il-partijiet it-tnejn iddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment u dan minhabba abbuzi da parti ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta u sevizzi da parti tal-konvenuta.

*Manteniment tal-Minuri*
Illi jidher bhala fatt mhux kontestat li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali fid-19 ta' Dicembru 2007 u halliet lill-minuri warajaha. L-attur issostni li l-konvenuta qatt ma kkontribwixxiet manteniment versu l-minuri mentri l-konvenuta tghid li "*jiena nikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal meta jkunu ghandi*"[7] li di fatti huwa massimu ta' darba fil-gimgha li mhux dejjem isehh hekk kif stqarret l-istess konvenuta.

Inoltre, l-konvenuta tghid li l-ahhar xoghol li ghamlet kien fl-2005/2006 u li issa tghix bl-ghajnuna socjali. Hija tghid li meta ltaqet ma' l-attru kienet tahdem bhala clerk mas-Central Bank, waqfet tahdem mat-twelid tat-tieni wild fl-2003 "*pero tul dan iz-zmien ghamilt xoghol per ezempju care worker Casa Arkati u sena gewwa call centre hala wahda li niehu l-orders*". Illi,ghalkemm il-konvenuta tghid li ghandha kondizzjoni medika, ma tressqet ebda prova fir-rigward, u ghalhekk ma jirrizultax li hemm raguni ghaliex il-konvenuta ma tistax tahdem, kif del resto kienet ghamlet fil-passat.

---

[7] Fol. 619 tal-process.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tac-cirkostanzi relevanti, il-Qorti tordna lill-konvenuta thallas ir-retta alimentari ta' €120 ghal kull wild, li  dan mill-jum meta hija telqet mid-dar matrimonjali u cjoe mid-19 ta' Dicembru 2007.

Ghalhekk l-arretrati ta' manteniment huma ghall-61 xahar u jammontaw ghal €14,640.

Illi jekk il-manteniment kellu jigi kkapitalizzat sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' maggiorenni japplika is-segwenti:-

C twieled 5 Marzu 2000, il-minuri jaghlaq 18-il sena fis-sena 2018
D twieled 3 ta' Lulju 2003, il-minuri jaghlaq 18-il sena fis-sena 2021

Ghalhekk hemm 61 xahar fejn il-manteniment ghandu jkun ta' €240 fix-xahar, b'total ta' €14,460 u 40 xahar fejn il-manteniment ghandu jkun ta' €120 peress li jifdal biss D li jkun taht l-eta` maggiorenni u ghalhekk it-total ikun ta' €4,800

Arretrati
€14,460
Manteniment 61 xahar zewg minuri
€14, 460
Manteniment 40 xahar minuri wiehed
€ 4,800
Total dovut mill-mara bhala manteniment tal-minuri
€33, 720

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
Din tikkonsisti fis-segwenti:

[1] **Id-dar matrimonjali**, "Abba ", Triq Guzeppi Busuttil, Siggiewi li giet ivalutat mill-Perit Robert Musumeci li tiswa €130, 000[8].

[2] **Ghamara** li hemm fid-dar matrimonjali;

[3]**Timeshare** ma' San Lawrenz Leisure Resort Gozo li nxtara Lm 3,850[9] ekwivalenti ghal €8,968;

[4] **Kontijiet Bankarji**;

[5] **Dejn** mal-Bank of Valletta fuq id-dar matrimonjali;

[6] **Dejn** ma' Emidius Camilleri ta' €920.77[10];

[7] Life Policy mal Bank of Valletta li qeda fuq isem l-konvenuta, filwaqt li hemm joint policy minhabba l-loan. Il-konvenuta tghid li hi thallas LM40 [illum €93] fix-xahar ghal policy li qeda fuq isimha.

*Assenjazzjoni*
[1] Illi l-Qorti tordna li **d-dar matrimonjali** jinbighu fuq is-suq hieles, anke separatament, fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak fuq indikat ta' €130,00; u fin-nuqqas, tinbigh that l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi; u r-rikavat, wara li jithallas minnu l-bilanc tad-djun li l-partijiet ghandhom mal-Bank, jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet; izda minn sehem-il konvenuta, ghandha titnaqqas: [a] l-imsemmija somma ta' €33,720, sabiex tinghata lill-attur kif fuq indikat bhala arratreti ta' manteniment kif ukoll manteniment sakemm il-minuri jaghlqu l-eta` maggiorenni, u [b] nofs is-somma rapprezentanti l-pagamenti kollha mhallsa u li ghadhom qed jithallsu mill-attur mid-19 ta' Dicembru 2007 'il quddiem akkont tal-bank loans ma' l-istess, sabiex tinghata lill-attrici kif hawn that indikat.

[2] Illi **l-ghamara** ezistenti fid-dar matrimonjali, tinbigh bl-istess mod indikat fil-paragrafu precedenti, bil-prezz

[8] Fol. 580 tal-process.
[9] Fol. 584 tal-process.
[10] Fol. 555 tal-process.

konkordat bejn iz-zewg partijiet, jew, f' kaz li l-partijiet ma jasslux ghal valur konkordat, skont stima maghmula minn Peter Bonello li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop a spejjez ugwali taz-zewg partijiet.

[3] Illi rigward it-**Timeshare** dina wkoll ghandha tinbiegh u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet

[4] Illi kull parti qed tigi assenjata l-kontenut tal-**kontijiet bankarji** li jinsabu fuq isimhom illum

[5] Id-dejn mal-Bank ghandu jigi mhallas bil-mod fuq indikat.

[6] Illi rigward il-hlasijiet maghmula lil Nicholas Vassallo dan jidher li kien ghal perijodu meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien u ghalhekk dina l-Qorti ma jidhriliex li l-konvenuta ghandha tirrifondi nofs dan l-ammont stante l-fatt li l-attur kien il-*breadwinner* tal-familja u kien jithallas kollox mill-paga tal-attur stante li l-konvenuta ma kienetx tahdem. Hekk jghodd ukoll ghall-kwalunkwe kontijiet ohra li ghalihom qieghed jivvanta pretenzjonijiet l-attur.

[7] Il-**Life Policy** li qeda fuq isem il-konvenuta tibqa' tal-konvenuta, filwaqt li l-joint policy tigi assenjata kollha lill-attur, fis-sens li meta dina timmatura, ir-rikavat jigi percepit kollu minnu.

*Oggetti u Krediti Parafernali*

L-attur jghid li s-segwenti hija l-lista ta' oggetti u Krediti Parafernali tieghu:-

1. Mutur Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAF-353 – illi dan jirizulta mid-dokument a fol.120 et seq tal-process;
2. Truck Pick-Up ta' l-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni EBC-061 – illi dan jirizulta mid-dokument a fol. 113 et seq. tal-process;

3. Van Subaru bin-numru ta' registrazzjoni JAG-378 – illi dan jirrizulta mid-dokument a fol. 115 et seq. tal-process;
4. Gaggeg tal-fniek, ghodda tar-raba`, computer, fridge, freezer, l-affarjiet tan-nahal, griglioso, ghodda ta' mastrudaxxa;
5. Lm5,500/€12, 811 rikavat mil-bejgh ta' vettura Peugeot, liema flus, skond l-attur, intuzaw sabiex inxtara it-Timeshare u deposit ghal meta l-partijiet xtraw id-dar matrimonjali;
6. Lm14,500 rikvat mill-bejgh tal-propjeta` li wiret l-esponenti.

Fir-rigward tal-partita numru [5] il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova fir-rigward, u ghalhekk din il-pretensjoni tal-attur fir-rigward tas-somma ta' LM5,500 qed tigi skartata fis-sens li ma tistax titqies bhala kreditu parafernali tieghu.

L-istess jinghad dwar il-partita numru [6]. Il-Qorti tosserva li l-attur ma pprovax b' mod sodisfacenti din il-pretensjoni tieghu fir-rigward tas-somma ta' LM14,500. Huwa minnu li hu prezenta dokumenti dwar trasferimenti ta' proprjeta' izda ma hemmx breakdown ta' kemm kien sehem-l-attur mill-wild u lanqas ngabet prova li dan l-ammont gie fil-fatt intuza fl-interess tal-Komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk din il-pretensjoni qed tigi rigettata.

Il-konvenuta da parti taghha tghid:-

"*Matul iz-zwieg xtrajna s-salott, gibt il-kamra tas-sodda li kienet tieghi qabel iz-zwieg, uzajnieha bhala main bedroom, kelli television "Funki" zghir portable li ghadu hemm, kelli washing machine u ghadha hemmhekk u kelli cooker. Dawn ghadhom fid-dar.*

*Kellna s-seater tal-living room li jinfetah bhala soda. Is-sodod tat-tfal kienu tar-ragel u kien gabhom mir-razzett li kellu tal-familja tieghu.*

*Xtrajna karozza Subaru, bhalissa qed juzaha r-ragel. Imhallsa matul iz-zwieg. Dawn huma l-affarjiet li xtrajna matul iz-zwieg"*[11]

Fir-rigward il-Qorti qed taccetta li l-oggetti ndikati mill-attur that il-partiti [1] sa [4] huma proprjeta' parafernali tieghu u ghandhom jibqghu fil-pussess tieghu; filwaqt li l-kamra tas-sodda, televsion [Funki], il-washing machine u l-cooker, ghandhom jigu ritornati lill-konvenuta bhala proprjeta' parafernali taghha, u fil-kaz li l-attur jonqos li jirritorna dawn l-oggetti, hlief il-kamra tas-sodda, huwna jkun obbligat li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €1,000 valur stabbilit mill-Qorti *arbitrio boni viri*. Dan l-ammont ma jinkludix il-valur tal-kamra tas-sodda li ghadha fid-dar matrimonjali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata '**Kura u Kustojda'**;

[3] tilqa' t-tielet talba, fit-termini, fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata '**Manteniment';**

[4] tilqa' ir-raba' talba limitatament billi tawtorizza lill-attur jibqa' jghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta ghal perijodu ta' sena;

[5] tilqa' l-hames talba billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwist b' effett mit-19 ta' Dicembru 2007, u li din tigi likwidata u assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata '**Komunjoni ta' l-Akkwisti';**

[11] Fol. 620 tal-process.

[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost tal-Artikolu 48 fl-intier tieghu;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------